# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 935

KAZ NRU. 863

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

John Scicluna

u

Societa' C.C.C. Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 3 ta' April, 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

## 1. INTRODUZZJONI

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 12 ta' Awissu, 1994 Ref. ME 2/94/43 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap. 266 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-Tribunal zamm wiehed-u-ghoxrin (21)-il seduta.

Is-Socjeta' C.C.C. Ltd, li minn issa 'il quddiem tidher bhala l-"kumpanija" kienet rapprezentata mis-sur Vincent Camilleri assistit mis-sur Richard Matrenza DPE (Oxon)

FRES u l-Profs. Ian Refalo LL.D., waqt li s-sur John Scicluna, li minn issa jidher bhala l-"Appellant" kien assistit mill-avukat Ray Pace LL.D.

2. **AGGORNAMENT**

Fid-disa' seduta c-Chairman li kien qieghed jippresiedi l-kwistjoni, s-sur Tonio Portughese B.A. aggorna l-kaz "sine die". Dan kien fl-10 ta' Ottubru, 1996. Il-kaz gie riferit lic-Chairman sottoskritt li rega' jkompli jisma' l-kaz fl-24 ta' Marzu, 1997.

Minn din is-seduta 'l quddiem l-avukat Toni Abela LL.D. beda jassisti lill-kumpanija flok is-sur Matrenza waqt li l-avukat Karmenu Mifsud Bonnici ha post l-avuakt Ray Pace.

3. **XHIEDA**

Tul is-smigh tal-kaz xehdu s-segwenti persuni:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur John Scicluna | - | L-appellant |
| Is-Sur Arthur Thomas | - | Impjegat |
| Is-Sur D. Pace Bonello | - | Ex-General Manager |
| Is-Sur Carmel Cuschieri | - | Konsulent Inginier |
| L-avukat Angelo Farrugia | - | Ex-Spettur tal-Pulizija |
| Is-Sur Raymond Zammit | - | Supt. Tal-Pulizija |
| Is-Sur John Bellizzi | - | Impjegat Part-time |
| Is-Sur Jos. Buttigieg | - | Ex-impjegat |
| Is-sinjura Carmen Chetcuti | - | Impjegata |
| Is-Sur Andrew Paul Logan | - | Spettur tal-Pulizija |
| Is-Sur Mario Micallef | - | Is-sid Ficom Ltd |
| Dr. John Gauci M.D. | - | Tabib |
| Dr. Nicholas Vassallo M.D. | - | Tabib |
| Is-Sur Vincent Camilleri | - | Managing Director |

4. **DOKUMENTI**

Gew prezentati numru konsiderevoli ta' dokumenti kif jidhru hawn taht :-

(a) Ittra datata 28 ta' Frar, 1990 li ntbaghtet lill-appellant.

(b) Kopja tal-kuntratt tal-impjieg ta' l-appellant.

(c) Kopja tal-minuti tal-manutenzjoni tal-4 ta' Settembru, 1991.

(d) Kopja ta' Nota ta' "Pending Works".

(e) Kopja tal-minuti tal-manutenzjoni tad-9 ta' Jannar, 1992.

(f) Kopja tal-minuti tal-manutenzjoni tas-7 ta' Frar, 1992.

(g) Foto kopji ta' diversi "faxes" u korrispondenza bejn l-agenzija "Cimira" u l-appellant.

(h) Kopja ta' minuti tal-manutenzjoni datat 23 ta' Frar, 1993.

(i) Kopji ta' Memos fuq il-firma tas-sur D. Pace Bonello, General Manager datati s-6 u 26 ta' April, 1993.

(j) Kopji ta' minuti tal-manutenzjoni datati 14 ta' Ottubru, 1993, 10 ta' Settembru, 1993 fuq il-firma tas-sur D. Pace Bonello.

(k) Kopja ta' Fax Message datat 10 t'Awissu, 1993 mis-sur C. Cuschieri lis-sur D. Pace Bonello.

(l) Kopji ta' korrispondenza mibghuta mis-sur Matrenza lill-Avukat Ray Pace.

(m) Foto kopja ta' Fax Message datat 1 ta' Dicembru, 1995 mibghut mis-sur C. Cuschieri lis-sur Schembri General Manager.

(n) Foto kopja tac-Certifikat ta' Temm ta' l-Impjieg ta' Jos. Buttigieg.

(o) Foto kopja ta' certifikat tar-rizenja ta' Jos. Buttigieg datat 1 t'Awissu, 1994.

(p) Kopja ta' "warning" datat 1 ta' Frar, 1994.

(q) Kopja ta' ittra datata 27 ta' April, 1994 mibghuta mis-sur V. Camilleri lill-appellant.

(r) Kopja ta' "warning" datat 16 ta' Mejju, 1994.

(s) Kopja ta' "warning" datat 30 ta' Mejju, 1994.

(t) Kopja ta' "warning" datat 14 ta' Gunju, 1994.

(u) Kopja ta' certifikat ta' Temm ta' Impjieg ta' l-appellant.

(v) Foto kopja tax-xhieda tas-sur Mario Micallef, sid il-Fimco Ltd datat 20 ta' Gunju, 1995.

(w) Kopja ta' ittra minn l-appellant lis-sur Pace Bonello datata 2 ta' Frar, 1994.

(x) Foto kopja ta' "Leave Request Form."

(y) Foto kopja ta' ittra datata 4 ta' Marzu, 1994 mibghuta lill-appellant.

(z) Foto kopja ta' ittra ohra datata 2 ta' Frar, 1994 mibghuta mill-appellant lis-sur Pace Bonello.

(zi) Foto kopja ta' ricevuta tal-P.A.L. datata 24 ta' Mejju, 1993 imhallas 22 ta' Mejju, 1993 ghal tape recorder

(zii) Tlett (3) foto kopji ta' certifikati medici datati 11 ta' April 1994, 13 ta' April 1994, u 21 ta' Jannar, 1994 fuq il-firma ta' Dr. Nicholas Vassallo ghall-Medicall Group.

(ziii) Foto kopja manuskritt ta' dikjarazzjoni 24 ta' Frar, 1994 iffirmata mis-sur Mario Micallef.

(ziv) Foto kopja ta' Memo datat 17 ta' Mejju, 1994 iffirmat mis-sur V. Camilleri dwar staff uniforms.

(zv) Foto kopja ta' Fax Message datat 25 ta' Novembru, 1993 mis-sur C. Cuschieri.

(zvi) Foto kopja ta' minuti tal-manutenzjoni datat 9 ta' Novembru, 1993.

(zvii) Foto kopja ta' Programme Maintenance ghall-week-ending 9 ta' Jannar, 1994.

(zviii) Foto kopja ta' Maintenance Report datat 16 ta' Mejju, 1994.

5. **L-Istorja**

John Scicluna kien gie mpjegat fl-1 ta' Marzu 1990 bhala Maintenance Supervisor u safa mkecci fil-15 ta' Gunju, 1994 mill-Kumpanija jew Societa' C.C.C. Ltd, li topera l-Park Hotel. Meta gie terminat l-impjieg tieghu huwa kellu salarju ta' Lm403 fix-xahar.

Ir-raguni ghaliex tkecca tidher bhala : "Dismissed after the fourth written official warning". L-appellant Scicluna jallega li gie mkecci b'ritaljazzjoni talli ma rritornax *tape-recording machine* li kienet installata f'post fil-Hotel biex tittappja d-diskursati li kienu jsiru fuq it-telephones, inkluz dak pubbliku.

Il-Management jichad din l-allegazzjoni u jghid li l-impjieg ta' l-appellant gie terminat ghax kien naqas diversi drabi fid-dmirijiet tieghu.

(Il-kaz tat-tape recorder u l-cassette spicca f'idejn il-pulizija u fil-Qorti).

6. **SOTTOMISSJONIJIET**

Fis-sottomissjonijiet tieghu fl-iStatement of Case l-appellant irrelata kif wara s-sejba tieghu ta' *tape recorder* fil-Power-room fil-first floor li kien ikkonnettjat mat-telefon pubbliku fil-Leisure Centre tal-Hotel fit-13 ta' Jannar 1994, is-Socjeta' bdiet tharrax il-pozizzjoni taghha kontrieh, ghax irrifjuta li jirritorna lura t-tape-recorder u l-cassette li kien hemm go fih. Qal l-appellant dawn gew moghtija minnu lill-Pulizija.

Bhala rizultat tal-pozizzjoni li hadet il-kumpanija, bdew jinghatawlu "written warnings". L-appellant allega li l-Managing Director kien qalu li jekk ma jirritornax it-tape recorder kien sejjer jitlef l-impjieg. L-appellant spjega x'kienu jinvolvu r-"written warnings." Sostna li dawn il-warnings keinu fittizzji biex jitkecca.

L-appellant talab lit-Tribunal jiddikjara t-tkeccija tieghu bhala ngusta u talab biex jigi kumpensat u mghoti certifikat nadif. Il-kumpens mitlub ikopri l-perjodu bejn l-14 ta' Gunju, 1994 u s-7 ta' Dicembru, 1995.

Il-kumpanija kkontendiet li l-appellant naqas serjament fid-doveri tieghu u ma pprovdiex ezempju tajjeb lil dawk li kienu jaqaw tahtu. Huwa naqas li jbiddel l-attitudni tieghu minkejja li kien gie mwissi diversi drabi, kemm bil-fomm u bil-miktub. Is-Socjeta' sostniet li dan kien jammonta ghall-insubordinazzjoni li finalment ma setax jigi tollerat aktar u bhala rizultat ta' l-ahhar "written warning" : fl-14 ta' Gunju, 1994, l-impjieg tieghu gie terminat b'effett immedjat.

Fis-sottommissjonijiet finali l-appellant ikkontenda li fl-ewwel erba' snin qatt ma gie mwissi, pjuttost inghata zidied fis-salarju u kien biss wara l-iskoperta tat-tape recorder li bdew hergin "warnings" u dan gara, fil-fehma tieghu minhabba ir-rifjut tieghu li ma jirritornax il-cassette.

Ghadda biex analizza fid-dettal l-erba' "warnings" li skond il-kumpanija irrendewh suggett ghat-temm tal-impjieg. Fil-fehma tieghu dawn il-warnings kienu sfurzati bil-ghan li tinghata kredibilita' it-terminazzjoni ta' l-impjieg.

Huwa sostna li l-gravita' tal-kwistjoni kienet xejn anqas mill-istallazzjoni tat-tape recorder, ksur tal-ligi. Ammetta li kif zvilluppaw l-affarijiet, ma kienx fadal fiducja bejnu u l-Managing Director, izda din me kellhiex tirrizolvi ruhha fit-tkeccija tieghu mix-xoghol u ghaldaqstant il-kumpanija kellha d-dmir li tikkompensah.

Il-kumpanija stqarret li minn dak li semghet tul is-smigh tal-kaz u fis-sottomissjonijiet finali, kien jidher li l-appellant bidel ir-rwol tieghu biex assuma li kien l-"employer" u s-sid inbidel u sar l-impjegat. Donnu ried jghid li l-kumpanija kellha l-obbligu li tikkonpensah ta' kollox, qisu kienet il-kumpanija li naqset mid-doveri taghha u mhux l-appellant.

Il-kumpanija qatt ma qalet li l-appellant ma kienx abbli teknikament. Kull ma sostniet il-kumpanija kien li d-diportament tieghu fuq ix-xoghol kien tali li rrendewh inkapaci li jibqa mizmum fl-impjieg.

Ghar-rigward tat-tape recorder il-kumpanija sostniet li dan kien jaf bih kullhadd izda jidher li l-appellant ried jezercita d-dritt tieghu bhala cittadin u rraporta lill-pulizija. Dan min impjegat tal-kumpanija li jidher ried li jkun persuna ta' principju, anke bir-riskju, kif staqsieh ic-Chairman li jippregudika l-impjieg tieghu. Il-kumpanija sostniet li l-appellant wasal biex ma joqghodx ghall-ordnijiet tal-kumpanija. Il-kumpanija staqsiet kif kien possibbli li zzommu fl-impjieg persuna ta' din il-kwalita'.

## 7. <u>KUNSIDERAZZJONIJIET</u>

It-Tribunal jifhem li dan il-kaz huwa kundizzjonat minn tlett aspetti, cioe' l-avveniment li sehh f'Jannar 1994

meta l-appellant skopra tape recorder b'cassette ikkonnettjat mal-linji tat-telephones, inkluz il-"coinbox" pubbliku fuq il-post tax-xoghol u d-diportament tieghu qabel u wara s-sejba tat-tape recorder.

It-Tribunal ma ghandu l-ebda hsieb jesprimi ruhu fuq is-sejba tat-tape recorder u l-cassette hlief li jirreferi ghaliha bhala ir-raguni li l-appellant jallega gie mkecci minhabba f'hekk ghax ma riedx jirritorna l-cassette lill-Managing Director.

Tajjeb wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-kaz tat-tape-recorder u cassete jinsab quddiem Qorti ohra u ghaldaqstant dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda ntenzjoni jikkummenta jew jghaddi gudizzju fuq dan.

Dak li jista' jghid fuqu huwa biss dak li gie zvelat b'xhieda u esebit f'dokumentazzjoni.

It-Tribunal josserva li l-appellant innega u kkontesta l-avvenimenti precedetni u antecidenti dwar l-imgieba tieghu bhala Maintenance Supervisor cioe' l-kwalita ta' xoghlu u l-allegati nuqqasijiet tieghu li skond il-kumpanija rrendietu suggett ghal numru ta' "written warnings".

Bazikament dawn it-twissijiet huma r-raguni primarja tal-kumpanija ghat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellant.

Ma hemm l-ebda dubju li dawn it-twissijiet tal-kumpanija kien jinhtiegilhom il-kunsiderazzjoni shieha u l-gudizzju tat-Tribunal. Pero' t-Tribunal irid jaghmilha cara li nonostante d-dikjarazzjonijiet f'diversi decizjonijiet precedenti tat-Tribunal Industrijali rigward in-numru ta' twissijiet li jistghu jwasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg, dan ma jfissirx li t-

terminazzjoni ta' mpjieg hija suggetta "sine quo non" ma numru determinat ta' twissijiet bil-miktub.

Jista' ghalhekk jirrizulta li twissija wahda sakemm din tkun gravi twassal ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg; u dan mhux bizzejjed ghax kull twissija trid tkun ippruvata ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal. Huwa ghalhekk inutili li l-"employer" idomm sensiela ta' twissijiet verbali u/jew miktubin biex isahhah tkeccija mill-impjieg jekk ma jgibx provi sufficcjenti.

Intqal li t-"Twissijiet" mghotija lill-appellant ghandhom jitqiesu dawk li saret referenza ghalihom mill-parti appellata fl-iStatement of Case.

It-Tribunal irid jirrimarka li waqt li hu minnu li l-"iStatement of Case" huwa parti essenzjali u mportanti hafna, dan ma jfissirx li t-Tribunal jasal ghal gudizzju tieghu fuq dan biss, izda fuq dak kollu li jinghad u/jew jigi esebit tul is-smigh tal-kaz, s'intendi sakemm dan ikun relevanti ghall-kaz quddiemu.

Jidher li fil-kaz in-ezami t-Tribunal jifhem li f'dan ir-rigward l-appellant ma jistax jigi misjub hati tal-"warning" datat 16 t'April, 1994 dwar nuqqas ta' supervision fir-"rooftop pool" tal-Park Hotel ghar-raguni li l-versjoni tal-partjiet hija konflingenti.

Saret referenza wkoll ghan-nuqqas ta' l-appellant li jkun jista' jigi kkuntattjat f'emergenza fil-Hotel peress li ma kellux telephone fejn mar joqghod meta bidel ir-residenza ghad-dispozizzjoni tieghu. Li naqset tghid il-kumpanija kien l-appellant kien talab "mobile phone" u fi kliem is-sur D. Pace Bonello, li kien il-General Manager dak iz-zmien din it-talba ma gietx ikkunsidrata.

L-appellant Scicluna izda ma jistax jigi ezonorat dwar it-tluq minn fuq il-post tax-xoghol fl-1 ta' Frar, 1994 meta kien gie lilu michud talba biex jiehu l-leave dakinhar stess filghodu.

Kif ukoll ma jistax l-appellant jigi meqjus gustifikat li rrifjuta li jilbes l-uniformi tal-kumpanija fiz-zewg istanzi decizjoni zbaljata ta' l-appellant.

It-Tribunal sema' lill-appellant jikkontendi li dawn ir-"written warnings" u kwindi t-terminazzjoni ta' l-impjieg kienu ritaljazzjoni tal-kumpanija ghar-rifjut tieghu li jirritorna l-cassette li kien ha mit-telephone tape recorder.

It-Tribunal sema' wkoll lill-kumpanija tramite diversi xhieda fosthom, is-sur D. Pace Bonello, ex-General Manager u s-sur Charles Cuschieri, Consultant Engineer, ta' l-ewwel jixhed li ma kienx sodisfatt bl-operat ta' l-appellant u tat-tieni jixhed li kien jara li hafna items ta' xoghol kienu jiehdu hafna zmien u jibqaw jidhru meeting wara l-iehor ghall-zmien twil.

Jidher li decizjoni biex l-appellant jipprepara programm ta' xoghol ta' manutenzjoni ma gietx esegwita' ghal perjodu twil. L-istess Consultant Engineer mistoqsi jekk l-appellant kellux nies bizzejjed, irrisponda li waqt li ma riedx jaghti l-fehma tieghu, deherlu li in-numru ta' nies taht l-appellant kien iqishom "average".

Dawn id-difetti jew ilmenti biex wiehed isejhilhom hekk ma sehhewx wara l-incident tat-tape recorder u l-cassette.

L-ilment repetut bosta drabi mill-kumpanija dwar id-dewmien twil barra mill-Hotel ta' l-appellant biex jixtri

l-materjal jew l-items li kellhom ikunu bzonn ghax-xoghol, fil-fehma tat-Tribunal jitqies kontra l-appellat ghax fi kliem is-sur D. Pace Bonello kellu l-approvazzjoni tieghu.

Ghalkemm saret insistenza qawwija u konsistenti mill-kumpanija tul is-smigh tal-kaz dwar l-allegati nuqqasijiet ta' l-appellant qabel Jannar 1994, fil-fehma tat-Tribunal, il-kummenti li jidhru f'xi forma jew ohra f'diversi minuti tal-Maintenance Meetings li kienu jsiru perjodikament, kienu ta' natura amministrattiva u ma jidhirx li kienu ntenzjonati li jservu ta' twissija.

It-Tribunal josserva li ghalkemm il-possibbilta' tat-tkeccija ta' l-appellant kienet giet diskussa bejn il-General Manager Pace Bonello u l-Managing Director Vincent Camilleri id-decizjoni biex jigi terminat l-impjieg ta' l-appellant kienet tal-Managing Director.

F'dawn ic-cirkostanzi jibqa' ghalhekk l-oneru tat-Tribuanl li jevalwa kemm kien zbaljat l-appellant fid-diportament tieghu bhala Supervisor wara t-13 ta' Jannar, 1994 meta sehh l-avveniment tas-sejba tat-tape recorder fuq it-telephones u x'effett seta' kellu r-rifjut li l-appellant jirritorna l-cassette lill-Managing Director.

Skond ix-xhieda tas-sur D. Pace Bonello fis-seduta tat-Tribunal 2 ta' Mejju, 1997 jidher li l-Managing Director hedded lill-appellant li jekk ma jirrestitwixxix it-tape u l-cassette jitterminalu l-impjieg.

It-Tribunal josserva izda li l-appellant kien determinat li jigri x'jigri ma jirrestitwixix it-tape recorder u l-cassette u wisq probabbli kundizzjonat mill-posizzjoni li kien ghazel wasal biex iwarrab fil-genb ir-riskju gravi

li kien qieghed jiehu meta telaq minn fuq ix-xoghol minghajr awtorizazzjoni.

F'dan ir-rigward, thares lejha minn fejn thares, jirrizulta li l-appellant, supervisor fil-grad, ghazel li jiehu riskju bil-probabbilita' li rraguna li l-allegat ksur tal-ligi jew regolamenti dwar l-ikkonnettjar tar-"recording devices" mal-linji tat-telephones kienu jissuperaw in-nuqqasijiet tieghu fuq il-post tax-xoghol.

Kif kellu l-okkazzjoni jiddikjara waqt is-smigh tal-kaz it-Tribunal irid jirrepeti li l-inkarigu tieghu hu li jiddeciedi jekk l-appellant tkecciex ghar-raguni tajba u sufficcjenti u ghalhekk ma ghandu l-ebda nkarigu dwar l-aspetti legali li jirregolaw is-sistema telefonika.

Dan l-inkarigu fil-kaz odjern qieghed quddiem Qorti ohra.

It-Tribunal josserva li fis-sottomissjonijiet finali l-partijiet, ikkoncedew ghall-ragunijiet opposti, li wara s-sejba tat-tape recorder f'Jannar, 1994 u l-avvenimenti sussegwenti kienu impossibbli li l-appellant ikompli fl-impjieg mal-kumpanija, ghar-raguni li kienet spiccat ghal kollox il-fiducja bejn l-appellant u l-kumpanija. Huwa ghalhekk ovvju li l-kwistjoni trid tigi deciza jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kinitx iggustifikata fic-cirkostanzi.

8. **DECIZJONI**

Wara li t-Tribunal ra u kkunsidra l-iStatments of Case tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, isib li t-

terminazzjoni tal-impjieg ta' l-appellant John Scicluna kienet kundizzjonata mal-iskoperta tat-tape recorder konnetjat mat-telephones tal-Hotel, inkluz il-"coin-box" pubbliku, ir-rifjut tal-appellant li jirrestitwixxi l-cassette lill-Managing Director u l-azzjoni sussegwenti li l-appellant inizja mal-pulizija. It-Tribunal jemmen li ghab-bazi tal-bilanc tal-probabilita' il-Managing Director veru hedded lill-appellant li jitterminalu l-impjieg jekk ma jirritornax il-cassette.

Minn naha l-ohra t-Tribunal isib li l-appellant zbalja meta ma segwiex certi ordnijiet tal-kumpanija u gie mwissi minhabba f'hekk izda isib wkoll li mhux il-"warnings" kollha gew ippruvata ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal.

F'dan ir-rigward it-Tribunal iqis lil dawk in-nuqqasijiet attribwiti lill-appellant fuq il-progress tax-xoghol qabel Jannar, 1994 ma gewx meqjusa mit-Tribunal bhala indixxiplina.

Fil-gudizzju tat-Tribunal dawk il-"warnings" wara Jannar 1994 f'cirkostanzi normali ma kienux necessarjament iwasslu ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li kkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha jsib li t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant John Scicluna ma kinitx gustifikata.

It-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li l-appellant John Scicluna ghandu jithallas kumpens. Jordna lill-kumpanija C.C.C. Ltd thallas lill-istess John Scicluna is-somma ta' Elf, Mitejn u Disa' (Lm1,209) Liri Maltin fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni.

Id-drittijiet li jithallsu skond A.L. 48 huma ta' Erbghin Liri Maltin (Lm40) lid-difensuri li assistew lill-partijiet.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg

Re: Kaz Nru. 1224 - UHM vs Freeport Terminal (M) p.l.c.

# DIGRIET

Wara li ra u kkunsidra l-verbal taz-zewg partijiet f'din it-Tilwima tax-Xoghol espressi fis-seduta tal-Hamis, 26 ta' Marzu, 1998 fuq it-talba tal-parti appellata biex il-General Workers' Union u l-impjegati nvoluti f'din it-Tilwima jissejhu fil-kaz minhabba l-interess li ghandhom jew jista' jkollhom, it-Tribunal jilqa' t-talba biex il-General Workers' Union tissejjah fit-Tilwima u dan peress li l-istess Union kienet issejhet fil-proceduri tal-*Conciliation.*

Ghar-rigward tat-talba biex jissejhu l-impjegati nvoluti, it-Tribunal ma jistax jaghtiha konsiderazzjoni jekk ma jkunx jaf f'hiex jikkonsisti l-kuntratt li ffirmaw.

It-Tribunal ghalhekk jitlob lill-parti appellata tipprezenta kopja ta' dan il-kuntratt biex ikun jista' jikkonsidra u jiddeciedi dan il-punt.

Illum : 13 t'April, 1998